MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 142/2007

**A**

**-vs-**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti B nominati b'digriet ta' l-ghoxrin ta' Lulju 2006; u b'digriet tat-28 ta' Mejju 2007 Dr. Deborah Mifsud Attard assumiet l-atti tal-kawża f'isem il-konvenut.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-attriċi ppreżentat fid-29 ta' Marzu, 2007 li permezz tiegħu esponiet bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-ħdax ta' Novembru tas-sena elfejn (11/11/2000) u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ markat Dok "A".

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, *ossia* Y u Z, li llum għandhom tlett snin u sentejn rispettivament, kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati tat-twelid mmarkati bħala Dok "B" u Dok "C" rispettivament;

3. Illi l-konvenut irrenda ruħu ħati fil-konfront ta' l-attriċi martu kif ukoll fil-konfront ta' ulied il-partijiet fuq imsemmija, ta' eċċessi, minaċċi, sevizzi u inġurji gravi b'mod li rrenda mpossibli l-ħajja konjugali bejniethom;

4. Illi l-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet hija mpossibli minħabba inkompatibbilta' ta' karattru bejn il-kontendenti;

5. Illi l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali *ad mensa et thoro*, skond digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, liema digriet iġib in-numru 306/2007, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok "D";

6. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors ġuramentat, anke peress li ma jidhirx li separazzjoni bonarja bejn il-partijiet hija possibbli fil-mument.

Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għar-raġunijiet premessi għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-partijiet minħabba, eċċessi, sevizzi, minaċċi u inġurji gravi li l-imsemmi B kkommetta kontra martu u / jew minħabba inkompatibbilta' ta' karattru bejn il-kontendenti;

2. Tafda l-kura u kustodja ta' wliedhom minuri Y u Z f'idejn l-attriċi ommhom fl-aħjar interessi ta' l-istess minuri;

3. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, għaliha u għal uliedhom minuri Y u Z dak il-manteniment li

jogħġobha tiffissa din il-Qorti skond il-bżonnijiet ta’ l-attriċi u l-minuri u l-meżżi ta’ żewġha, liema manteniment għandu jitħallas direttament lill-attriċi mill-*employer* tal-konvenut minn żmien għal żmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali b’tali mod li, jekk ikun il-każ, il-konvenut jitlef kull jedd li għandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila ta’ l-attriċi, u dan minn data li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-konvenut ta lok li ssir din is-separazzjoni;

6. Tassenja ż-żewġ porzjonijiet, waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma;

7. Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attriċi l-effetti kollha parafernali ta’ l-attriċi, inkluż flus, li jinsabu fil-pussess tiegħu.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li jibqa’ nġunt sa minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati, ippreżentata fit-8 ta’ Mejju, 2007, li permezz tagħha qalu bil-qima:

1. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw d-dritt li jippreżentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

2. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat in-nota tat-28 ta’ Mejju 2007 li permezz tagħha l-Avukat Dottor Deborah Mifsud Attard assumiet l-atti f’isem il-konvenut;

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta’ l-attriċi kif ukoll ta’ omissis;

Rat il-verbali tas-seduti illi saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottoressa Elena Naudi Depasquale nominata għal dan l-iskop;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Novembru 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob is-separazzjoni personali minn ma’ żewġha li hu assenti minn Malta. Il-konvenut ma ressaqx provi għalkemm kellu opportunita’ jagħmel dan, u għalhekk il-Qorti għandha biss quddiemha l-provi mressqa mill-attriċi.

Din qalet li żewġha qatt ma trattaha tajjeb sakemm damu flimkien u kienet tħossha bħala barranija f’darha stess għaliex il-konvenut kien dejjem iġib f’darhom persuni oħra ta’ nazzjonalita’ barranija, u għalhekk ma ħasset qatt li kellhom l-intimita’ u kunfidenzjalita’ meħtieġa għal koppja miżżewġa. Kien joħroġ u jdum ħafna barra. Eventwalment siefru u marru l-Kanada u finalment hija rritornat Malta bit-tfal u l-konvenut minn dak iż-żmien ġie biss Malta darbtejn u jibgħat xi flus biss saltwarjament. M’hemmx kwistjoni għalhekk li t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa għaliex il-konvenut m’ huwa juri ebda nteress fil-familja tiegħu.

Dwar il-komunjoni m’hemm xejn diffikolta għaliex l-attriċi tgħix ma’ ommha u m’ghandha xejn tagħha ħlief żewġ kontijiet bankarji żgħar illi fihom biss ammont żgħir illi hu bilanċ ta’ dak li bagħtilha l-konvenut f’dawn l-aħħar xhur. Il-kontijiet bankarji li kien hemm ġew kollha magħluqa matul iż-żwieġ Jirriżulta wkoll li l-attriċi għandha kreditu ta’ Lm2,525 (€5,881.67) kontra l-komunjoni ta’ l-akkwisti rigward flus li ġabet magħha fiż-żwieġ. Dwar manteniment ma tressqux provi dwar il-qliegħ tal-konvenut iżda żgur li qed jipperċepixxi biżżejjed biex imantni lil familtu għaliex

qed jaħdem bħala *nurse* l-Kanada. Għalhekk il-Qorti se takkorda ammont nominali ta' manteniment. L-attriċi bħalissa mhux taħdem biex trabbi lit-tfal illi għadhom żgħar iżda għandha impjieg li qed jistenniha (qiegħda fuq *career break*).

Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi:

**1. Tilqa' l-ewwel talba minħabba inkompatibbilta' ta' karattru u eċċessi da parti tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn l-attriċi;**

**3. Tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitt ewro fix-xahar għall-attriċi u mitejn ewro fix-xahar għall-minuri;**

**4. Tilqa' r-raba' talba b'effett immedjat;**

**5. Tordna li l-kontijiet bankarji illum f'isem l-attriċi jiġu assenjati lilha u anke li tiġi assenjata lilha l-vettura Mazda 121 (billi l-istess vettura hija propjeta' parafernali tagħha); u li l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €5,881.67 għar-raġuni fuq imsemmija;**

**6. Billi ma hemmx lok li jkun provdut, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt u seba' talba.**

**Spejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------